Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.

Illum, il-25 t'April 2019

**Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Alessio Minelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet migjuba kontra Alessio Minelli, iben Innocenzo u Victoria nee` De Rosso, imwieled Palestrina, Roma nhar is- 6 ta` Frar 1992, residenti Elgin Court, Flat 5, Sqaq is-Sigra, San Giljan, u detentur tal-karta tal-identita` AY 4462922 li gie akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta` Lulju 2017 ghal habta tal-erbgha neqsin kwart ta` filghodu (03:45am) fi Triq Dragunara, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Ryan Sacco (Art 216 Kap 9 tal- Ligijiet ta` Malta).

2. Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, ghamel hsara fuq mobile phone ghad dannu ta` Ryan Sacco (Art 226(1)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

3. Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied Art 338(dd) Kap. 9 tal-Kodici Kriminali).

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f`kaz ta htija tiprovdi ghal garanzija ta` Ryan Sacco skond artikolu 383 tal- Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti processwali u d-dokumenti kollha pprezentati.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat,**

Illi fis-seduta tat-12 t'Ottubru 2017 xehed id-dentist Dr. Jeffrey Pullicino Orlando ***(a foll. 34)*** li kkonferma certifikat mediku mahrug minnu stess, meta kien ezamina lil parte civile fis-7 ta' Lulju 2017, kif ukoll rcevuta ta' sitt mija u hamsin euro (€650) ghax xoghol li kien ghamel minhabba li l-parte civile kien tilef is-sinna ta' quddiem. Ix-xhud kompla jghid illi apparti s-sinna li kienet mitlufa, l-parte civile kellu sinna li kienet maqsuma u kienet mejta u kellha titnehha ghal kollox. Apparti hekk kellu ukoll daqqa fuq xofftejh.

Xehed ukoll fl-istess seduta, Ryan Sacco ***(a foll. 37)***, li qal li l-incident sehh fis-6 ta' Lulju 2017 ghal habta tal-erbgha nieqes kwart ta' filghodu (3.45am) gewwa Triq id-Dragonara gewwa Paceville. Hu kien miexi lejn il-karrozza ta' siehbu, li kien ser jwasslu d-dar, fejn raw kommossjoni ghax kien hemm koppja qeghdin jiggieldu, u r-ragel li huwa gharaf fl-awla u cioe' l-imputat, kien qieghed jaghti bis-sieq karrozza Smart. Xehed illi siehbu kien dahal fil-karrozza tieghu, filwaqt illi hu kien qieghed jiekol wrap barra l-karrozza biex ma jhammiglux il-karrozza. Waqt illi kien qieghed ihares lejhom jargumentaw, ir-ragel mar fuqu u qallu bl-Ingliz '*why are you looking at my girlfriend?"*, fejn hu wegbu li ma kienx qieghed jhares lejha. Kif qallu hekk ir-ragel qabad jaghtih u tajjarlu ir-wrap minn idejh u fil-fatt ix-xhud spicca ma l-art, fejn ipprova jiddefendi ruhu u ipprova jqum, izda t-tfajla li kien hemm ma l-imputat, zammitu minn saqajh, u l-akkuzat kompla jaghtih, u kif ipprova jdur biex iwaqqfu tah daqqa ohra bil-ponn f'wiccu u tefghu mal-art. X'hin kien ghadu mal-art, gew il-pulizija u hadu l-verzjoni taghhom u hu mar il-polyclinic tal-Floriana, fejn min hemm rreferewh ghal Mater Dei, peress illi l-griehi li sofra kienu griehi gravi. Ix-xhud stqarr li kellu s-sinna *grevious* fuq in-naha tal-lemin. Esebixxa ritratti (***a foll. 41,42 u 43***) u kompla jghid li sofra wkoll brix, gundalla u ugigh f'dahru. Ix-xhud mar ghand id-dentist Jeffrey Pullicino Orlando l-ghada tal-incident, fejn id-dentist qallu li s-sinna kienet mejta ghax kien intlaqat in-nerv u kellu jaqlalu s-sinna u jaghmillu bridge. Apparti l-*injuries,* hu sofra ukoll danni ta' sittin Euro (€ 60) fil-mowbajl meta ix-xhud spicca mal-art bid-daqqiet li beda jaqla u l-mowbajl waqaghlu mill-but. Ix-Xhud ipprezenta ukoll rapport dwar dan ***(a foll. 44 u 45).*** Mistoqsi fil-kontro ezami jekk meta gew il-pulizija hu kienx fuq l-akkuzat, ix-xhud wiegeb li ma kienx fuqu.

Xehed PS850 Stephen Micallef fl-istess seduta (***a foll. 47***), fejn qal li fis-6 ta' Lulju 2017 hu kien *night watch,* u kellu zewg pulizija fuq patrol barra, u ghal habta ta' l-erbgha neqsin kwart ta' fil-ghodu (3.45am) cemplulu ghax kienu intervjenew fi glieda u kien hemm bzonn rapport, ghax kien hemm xi persuni bi griehi. Hu mar fuq il-post go Triq Dragonara u l-ewwel kellem lil pulizija li qalulu li sabu zewg persuni ghoqda u

intervjenew biex waqqfu l-glieda. Kellem lil Ryan Sacco, il-*parte civile,* li huwa pulizija, u wara mar biex jiehu d-dettalji tal-imputat li gharaf fl-awla. Ryan Sacco mar l-isptar u gie ccertifikat illi kien qieghed isofri minn griehi gravi. Hu ftakar illi Ryan kellu xi demm imma ma ftakarx ezatt kif kien.

Xehed ukoll Luca Callus Randich ***(a foll. 49)*** fejn qal illi fis-6 ta' Lulju 2017 ghal habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (3.30am) hu kien miexi ma siehbu Ryan Sacco, lejn il-karrozza tieghu li kienet ipparkjata gewwa Triq Dragonara barra l-parking tal-Westin. Ghall-ewwel beda jisma' hsejjes izda ma tax kaz, izda x'hin wasal hdejn il-karrozza, faccata kien hemm argument bejn koppja taljana li gibditilhom l-attenzjoni, partikolarment meta r-ragel beda jixxutja karrozza li kienet ipparkjata, u fil-fatt hu ghadda kumment dwar dan lil Ryan. Hu dahal fil-karrozza u qal lil Ryan biex ikompli jiekol barra biex ma jwaqqalux fil-karozza peress li l-karozza kienet ghada gdida. Il-persuna li kienet qieghda targumenta qasmet it-triq minn fejn huma kienu nizlu fid-direzzjoni lejn Paceville, u spicca f'konfront ma Ryan ghax akkuzah illi ittanta lit-tfajla tieghu. Ryan qallu li mhux veru u t-Taljan, li gharaf fl-awla bhala l-imputat ta' daqqa ta' ponn lil Ryan. Mistoqsi mill-Qorti b'liema lingwa kien kellmu lil Ryan, x-xhud qal li kien kellmu bl-Ingliz. Ix-xhud zied jghid illu hu kien gewwa l-karrozza, n-naha tax-xufier u Ryan kien mal-bieba tal-passigier, meta t-Taljan tah daqqa ta' ponn. Ryan ipprova jiddefendi ruhu, imma dahhlet it-tfajla li kienet fl-argument u qabdet ma saqajn Ryan, u Ryan ma setax jitla minn ma' l-art u t-Taljan baqa' jattakah u Ryan beda jipprova jiddefendi ruhu sakemm gew il-Pulizija. Ryan ghamel il-parti kbira tal-hin matul l-argument ma' l-art. Mistoqsi fil-kontro ezami kemm kienu ilhom fi stabiliment jiehdu drink, hu wiegbuli hu kien ilu xi siegha, ghax qabel kellu xift tax-xoghol u baqa' hiereg u ha zewg drinks, pero' ma kienx jaf kemm kien ilu hemm Ryan u kemm il-drink seta' ha. Mistoqsi fejn kienu gew ghoqda iz-zewg persuni x-xhud qal illi kienu f'nofs it-triq.

Xehdet fl-istess seduta, Simona Chiarenza (***a foll.*** **52**) li kienet Paceville mas-sieheb taghha u ohtu, u ma setghetx ssib ic-cavetta fil-baskett, u bdiet titkellem mas-sieheb taghha dwar fejn hi c-cavetta u jekk tilifx ic-cavetta. Kien hemm guvni fin-naha tal-lemin taghha bil-bieba tal-karrozza miftuha li baqa' hemm u s-sieheb taghha qallu, '*What are you looking for, why are you there with the door open and not like the other used to do?'*. Qalet li dan il- guvni, deher kurjus dwarhom, u wara rat il-guvni bi qmis bajda gej lejhom u f'daqqa wahda rat is-sieheb taghha ma l-art u dan il-guvni fuqu, bilqieghda fuqu, fejn hi gibditu minn saqajh biex tipprova tnehhieh minn fuq is-sieheb taghha. Hi kompliet tghid li ma tafx ezatt x'gara imma tiftakar illi waqat ma' l-art. Hi kienet f'nofshom. X'hin Ryan gera ghal fuqhom, dan gara f'nofs it-triq u l-karrozza taghha kienet fuq naha hdejn il-bus stop u l-karozza fejn kien Ryan kienet in-naha l-ohra. Hi qalet li wiehed imbuttaha u indikat lil Ryan, waqt illi l-iehor kien fil-karrozza. Hi qalet li waqghet u x'hin dahret rat is-sieheb taghha mal-art b'Ryan bil-qieghda fuqu u hi marret tipprova tiffridhom u bdiet tghid lil Alessio li jigi s-sieheb taghha, '*stop stop what are you doing?'* Imbaghad gew il-Pulizija u wiehed beda jkellem lil Alessio u iehor lil Ryan. Ix-xhud qalet li kellha xi ugigh f'spallejha u dahara u ghalkemm qalet li kellha certifikat dan ma giex ezebit.

Xehed ukoll Dr. Adrian Cordina ***(a foll. 55),*** it-tabib li kien ezamina lil Ryan Sacco fil-polyclinic, li kkonferma c-certifikat mediku ezebit ***(a foll. 9).*** Hu qal li Ryan kellu qasma fil-gielda ta' fuq ghajnejh tal-lemin, girfa taht imniehru fuq in-naha tal-lemin, girfa fuq il-polz tax-xellug, girfa fuq il-qasba ta' sieq tal-lemin, sinna mkissra u imniehru minfuh u ghalhekk irreferih sabiex imur l-emergenza. Hu kien ikklasifika l-griehi bhala gravi ghax kienu feriti fil-wicc bhal qsim ta' gilda, li hemm potenzjal li jhallu marka permanenti.

Xehed Malcolm Galdes ***(a foll. 58)*** fis-seduta tat-23 ta'Novembru 2017, fejn ikkonferma l-ircevuta ***(a foll. 44)*** fl-ammont ta' sittin Euro (€60) u qal li l-klijent kien mar biex issewwi l-mobile tad-ditta Saiomi peress illi kellu problema ta' ricessjoni u ghalhekk saret tiswija fl-antenna pero avzaw lil klijent li l-quddiem xorta seta' jbati minhabba li l-mobile kellu hsarat fuq gewwa. Sa dak in-nhar ma kellux *complaint* iehor minghand il-klijent.

Xehed ukoll PC1468 Dirk Pace ***(a foll. 61)*** li fis-6 ta' Lulju 2017 ghal habta tal-erbgha ta' filghodu (4.00am) waqt illi kien ghaddej ma' PC906, jaghmlu patrol gewwa Paceville, raw zewgt irgiel maqfulin flimkien mal-art, jitremblu mal-art, quddiem l-ambaxxata Veneziana hdejn il-bus stop, quddiem karrozza Smart. Xehed illi huma waqfu u hargu mill-karrozza u firduhom. X'hin firduhom hu innota li l-Malti kellu d-demm hiereg minn halqu u kellu spazju quddiem, u t-Taljan li gharaf fl-awla bhala l-imputat, kellu qatgha f'subghajh. Kien hemm mara maghhom li bdiet tghajjat. Huma cemplu lis-Surgent PS 850 u wara li gie fuq il-post, hadilhom d-dettalji. Peress illi t-Taljan ma kellux dokumenti fuqu, nizluh l-ghassa u lil Malti bghatuh l-isptar. Mistoqsi mid-difiza dwar CCTV cameras, ix-xhud jghid illi hu ma kienx iccekja ghax is-Surgent kompla l-kaz. Mistoqsi jekk kellimx lil Malti, ix-xhud qal illi hu ma kienx kellmu, imma kien kellmu s-Surgent.

Xehed PC906 Elio Joe Gatt ***(a foll. 67),*** fl-istess seduta, fejn qal illi fis-6 ta' Lulju 2017 ghal habta ta' l-erbgha nieqes kwart ta' filghodu hu u l-kollega tieghu PC11468 kienu qeghdin jaghmlu ronda gewwa Paceville, u nnutaw zewg persuni maqbudin f'xulxin ma' l-art fejn l-Ambaxxata Veneziana faccatta tal-bus stop. Huma marru fuq iz-zewg persuni li kienu Ryan Sacco u Alessio Minelli li x-xhud gharaf fl-awla, u firduhom u wara bdew jkellmuhomm biex jikkalmaw. Hu cempel lis-surgent PS850 tal-ghassa li gie fuq il-post immedjatament u ha l-verzjoni tat-tnejn li huma. Fil-kontro ezami ix-xhud qal li lil Ryan ma kienx jafu qabel dakinhar u meta hadlu d-dettalji hu lanqas ma qallu li kien Pulizija.

Illi fis-seduta tal- 25 ta' Jannar 2018, xehed Dr. Mario Scerri MD ***(a foll. 72***), fejn qal illi kien gie inkarigat sabiex jezamina lil Alessio Minelli li kien allega li kellu xi incident ma' Pulizija pajzana, fejn sab illi kellu griehi ta' natura hafifa li kienu jinkludu xi abrazjoni fuq il-minkeb tax-xellug friska, kompattibli ma 'blunt trauma', tbengila madwar il-minkeb tal-lemin friska, kompattibli ma' grip mark, u l-abrazzjonijiet fuq is-swaba ta' idu x-xellugija rizultat tal-blunt trauma. Ix-xhud esebixxa rapport ***(a foll. 74 et seq.)***

Illi fis-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2018, l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri, fejn qal illi ghal habta tal-hamsa ta' filghodu kien sejjer lura d-dar u meta kien fil-car park ma setax jsib ic-cwievet u beda jfittixhom fil-madwar. Huwa ra guvni, li gharaf bhala l-*parte civile* fl-awla, jhares lejh u saqsieh x'ried. Hu qal li da nil-guvni wiebgu bil-Malti izda l-imputat ma fehmux, u da nil-guvni gie ghalih u mmbotta lit-tfajla tieghu mal-art hdejn il-karrozza tieghu. Kienu hdejn l-Ambaxxata Veneziana gewwa Paceville, nizlin l-isfel fuq ix-xellug. Ix-xhud kompla jghid li *'dan il-guvni kien xi tletin, erbghin metru l-boghod minna u gie hdejna, kont hdejn il-karrozza tieghi u gie fuqi u beda jaghtini'*. Ix-xhud gie muri ritratti ezebiti minn Dr. Mario Scerri u spjega illi l-griehi gew ghax hu kien twaqqa mal-art. Fil-kontro ezami x-xhud qal illi hu mill-ewwel talab ghal CCTV footage imma qalulu li ma kienx hemm. Huwa sostna li mhux hu kien mar fuq l-parte civile imma kien il-parte civile li kien gie ghalihom u imbotta lit-tfajla tieghu. Fil-fatt huwa kompla jghid illi x'hin gew il-pulizija huma kienu hdejn il-karrozza tieghu u l-*parte civile* kien xurban. Mistoqsi jekk hu kienx xorob, l-imputat wiegeb fin-negattiv.

Ikkunsidrat,

Illi mix-xhieda johrog car illi l-imputat Alessio Minelli, fil-gurnata u l-hin ta' l-incident, kien f'argument mat-tfajla tieghu, agitat jfittex ic-cwievet u fil-waqt li kien qieghed jargumenta mat-tfajla, fl-istess hin l-*parte civile* kien qieghed jiekol wrap ma genb il-bieba tal-karrozza ta' siehbu, li dan gia kien gewwa l-karrozza bilqieghda fis-seat tax-xufier. L-*parte civile* kien qieghed jhares lejn l-akkuzat peress illi dan kien qed jghajjat u fl-istess hin kien qieghed ukoll jaghti bis-sieq lil karrozza tieghu stess, u f'daqqa wahda l-akkuzat dar fuq il-*parte civile* u qallu biex ma joqghodx jhares lejn it-tfajla tieghu. Jidher ukoll illi ghal kuntrarju ta'dak li qal l-imputat, ma kienx hemm distanza kbira bejn iz-zewg karrozzi u b'xi mod l-imputat u l-*parte civile*, spiccaw fl-idejn, u fil-fatt il-pulizija sabuhom fuq xulxin f' nofs tat-triq. Jirizulta illi l-*parte civile* sofra griehi gravi hekk kif gie iccertifikat mit-tabib Dr. Adrian Cordina u d-dentist Dr. Pullicino Orlando peress illi tilef sinna waqt l-argument u sinna ohra kellha tinqala ghaliex mietet u nqassmet bid-daqqiet li sofra il-*parte civile*. Jirrizulta ukoll illi huwa sofra danni fil-mobile li jammonta ghal €60 skond l-ircevuta li giet ikkonfermata minn Malcolm Galdes.

Illi mill-provi sar maghruf ukoll illi l-istess imputat sofra griehi ta' natura hafifa li rrizultaw mill-argument fiziku li kellhom bejniethom l-imputat u l-*parte civile*, b'dan illi mir-rizultat tal-griehi jidher li l-*parte civile*, beda jipprova jiddefendi ruhu ghall-aggressjoni ta' l-imputat u filwaqt illi l-partijiet waqghu it-tnejn ma' l-art. Illi hareg b'mod car illi l-imputat kien l-awtur ta' dan l-argument fiziku, u dan ghaliex kemm mix-xhieda tal-parte civile, kif ukoll ta' Luca Callus Randich u Simona Chiarenza, irrizulta li-l-imputat kien dak illi indirizza l-ewwel lil parte civile bil-lingwa Ingliza. L-imputat ghazel li jghid illi hu saqsa l-parte civile x'ried, mentri, mix-xhieda l-ohra

hareg illi l-kliem li ntqal kien mod iehor fejn irrizulta li t-Taljan qal lil parte civile biex jieqaf ihares u jittanta lit-tfajla tieghu. Jidher ukoll illi l-imputat ghazel li jghid li l-parte civile, wara li rrispondieh bil-Malti, hebb ghat-tfajla tieghu, u ghalhekk irreagixxa, mentri ix-xhud Simona Chiarenza qalghet li l-parte civile hebb ghall-imputat u hi qabdet saqajn il-parte civile. Il-parte civile u siehbu Luca Callus Randich, it-tnejn xehedu li kien it-Taljan li hebb ghal parte civile u ddeskrivew b'mod konkret x'intqal, x'gara u kif sehh il-kaz. Illi l-Pulizija li marru fuq il-post qalu li raw zewg persuni imqabbdin f'xulxin f'nofs ta' Triq.

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe' dik pprezentata mill-Prosekuzzjoni li tghid li kien l-imputat li hebb l-ewwel ghal Ryan Sacco billi tah diversi daqqiet u kkagunalu feriti gravi, u dik pprezentata mid-difiza li qed isostnu illi kien il-*parte civile* li mar ihebb ghall-imputat u ghat-tfajla tieghu u l-imputat ireagixxa b'dak il-mod sabiex jiddefendi lilu nnifsu u lit-tfajla tieghu.

**Id-difiza tal-Legittima Difesa**

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-elementi rikjesti mil-ligi, sabiex tara jekk dak invokat mid-difiza tal-legittima difesa ghandux bazi.

Fil-kawza fl-ismijiet, <u>Ir-**Repubblika ta' Malta vs Martina Galea**</u>**, 14 ta' Jannar 1986** il-Qorti rreteniet illi

> *"… huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l'inevitabbilita", meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could."*

Fil-kawza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro**</u> deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) il-Qorti tkellmet dwar il-bzonn attwali u l-invetibilita' ghal darb'ohra:

> *"Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dan l-Artikolu (b'referenza ghall-artikolu 223 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-ligi titkellem car dwar il-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormaj stabilit li biex wiehed jista' jinvoka dan liskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi w inevitabbli. L-element ta' l-inevitabilita jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan ikun jista' b'mod ragjonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku".*

**Dwar il-Ksur tal-bon ordni jew il-kwiet pubbliku**

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, ossia l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-20 ta' Mejju 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro**, fejn b'referenza għas-sentenza **'Il-Pulizija versus Michael Camilleri et'** tas-27 ta' Frar 2008 tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta mill-Imħallef Dr David Scicluna nsibu dan li ġej dwar in-natura ta' din il-kontravenzjoni. 'Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Paul Busuttil' deciz fit-23 ta' Gunju 1994:

"Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliża kien jissejjah 'a breach of the peace'. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett Ingliz ta' 'a breach of the peace' tirrisali għal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet 'Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.,' kien qal hekk: 'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).1 Vol. LXXVIII.v.277. A skans ta' ħafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza miġbura fl-artikolu intitolat 'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wieħed jista' jgħid li r-reat ta' 'breach of the peace' fil-ligi Skoċċiza jirrikjedi wkoll ċertu element, imqar f'ammont żgħir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom. 'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992): 'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p.192).

Naturalment huwa kwazi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978): 'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact

depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p.985, para. 41- 01). U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid: 'Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Spiteri deciz fl-24 ta' Mejju 1996, il-Qorti żiedet tgħid hekk: "Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoċi li l-kuncett ta' 'breach of the peace' kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom 'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992), b'referenza għal-liġi Skoċċiża in materja: 'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of the-peace type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295).

Il-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: 'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell T. Watkins L.J. said: 'T. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to

be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).

Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib".

Ikkunsidrat,

Illi fir-rigward il-kaz odjern, il-Qorti wara li seghmet ix-xhieda mressqa u rat d-dokumenti prezentati, rat illi l-verzjoni tal-parte civile ta' kif gara l-incident huwa aktar kredibbli mill-verzjoni ta' l-imputat, u dan gie anke ikkoroborat b'xhieda ohra specjalment dik ta' Luca Callus Randich u Simona Chiarenza li kienu l-unici persuni prezenti fil-post ta' l-incident apparti l-imputat u l-*parte civile*. Illi l-Pulizija li marru fuq il-post ta' l-incident ukoll ikkonfermaw illi l-*parte civile* sofra xi griehi. Illi permezz tax-xhieda ta' Dr Adrian Cordina u Dr Jeffrey Pullicino Orlando u c-Certifikati Medici pprezentati fl-atti processwali u kkonfermati minnhom rispettivament, gie vverfikat li l-ferita li sofra l-parte civile hija wahda ta' natura gravi.

Illi l-Qorti innutat ukoll illi l-imputat pprova diversi drabi jiggustifika l-agir vjolenti tieghu fil-konfront tal-*parte civile* fejn sostna li hu irreagixxa b'dak il-mod ghaliex hu u t-tfajla tieghu gew mhedda mill-parte civile, fejn fl-istess hin, l-imputat stess stqarr illi hu attakka lil *parte civile* meta dan imbotta lit-tfajla tieghu, mentri t-tfajla ta' l-imputat qalghet li l-*parte civile* qabez fuq l-imputat u hi dahhlet f'nofshom. Ghalhekk din il-Qorti hija konvinta li l-imputat ghawweg il-fatti sabiex jipprova jiggustifika lilu nnifsu, liema attentat ta' l-istess imputat ma' rnexxiex.

<u>**L-Ewwel Imputazzjoni**</u>

Fir-rigward ta' **l-ewwel akkuza** u cioe dik talli **ikkaguna ferita ta natura gravi fuq il-persuna ta' Ryan Sacco. (Art 216 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi l-Qorti tinnota li apparti l-konsiderazzjonijiet li saru aktar il-fuq f'din is-sentenza fir-rigward ta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, fejn, il-*parte civile* Ryan Sacco spjega kif gie aggredit mill-imputat u ferut permezz ta' diversi daqqiet, kif ukoll partikolarment daqqa ta'ponn go wiccu, fejn fl-istess waqt, wara li gie mwaqqa mal-art, l-istess tfajla ta' l-imputat zammet lil parte civile minn saqajh u l-imputat kompla jtih id-daqqiet. L-istess parte civile ikkonferma li minnufih kellu jmur ghal-kura fic-Centru tas-Sahha tal-Furjana, fejn gie rilaxxat certifikat mediku ezebit *a fol.9*, ta' l-atti processwali, il-Qorti tinnota wkoll li l-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni moghtija minn Dr. Adrian Cordina u minn Dr Jeffrey Pullicino Orland li kkonfermaw li rrilaxxaw ic-certifikati msemmija fil-konfront tal-*parte civile* Ryan Sacco. Huma kkonstataw li l-parte civile sofra griehi ta' natura gravi u dan skond kif jirrizulta mic-certifikati rilaxxati minnhom.

Ghaldaqstant, **l-ewwel (1) imputazzjoni** addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement ppruvata u b'hekk l-imputat **ser jinstab hati taghha.** Jinghad pero li l-piena applikabbli hija dik li kienet in vigore qabel ma saru l-emendi permezz ta l-Att XIII tas-sena 2018 fir-rigward tal-piena.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Illi l-akkuza kif dedotta fit-tieni imputazzjoni kjarament tiriferi ghad-dannu li garrab il-mobile phone tal-parte civile, skond l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda l-artikolu indikat fil-komparixxi, huwa l-artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi '*jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)*' u stante li l-Artikolu fit-tieni imputazzjoni gie erronjament indikat, ghalhekk l-imputat **ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni** u ghalhekk qed jigi lliberat fir-rigward it-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Fir-rigward **it-tielet akkuza**, l-imputat qed jigi akkuzat talli **volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku (Art. 338(dd) Kap 9. Tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi l-Qorti tinnota li apparti l-konsiderazzjonijiet li saru aktar il-fuq f'din is-sentenza fir-rigward ta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal- imputat, li kemm il-*parte civile* Ryan Sacco, kif ukoll ix-xhud Luca Callus Randich, kif ukoll l-Pulizija li marru fuq il-post, lkoll xehdu illi waqt l-incident msemmi fil-kaz odjern, l-imputat beda jghajjat fit-triq, liema ghajjat u storbju setgha jinstemgha minn distanza, l-ewwel fil-

hin li kien qed jargumenta mat-tfajla tieghu waqt li fl-istess hin beda jaghti bis-sieq lil vettura tieghu, kif ukoll aktar tard fil-konfront mal-*parte civile.* Ghalhekk irrizulta li dan l-ghajjat u storbju kien gej mill-imputat qabel u waqt li kellu argument mal-*parte civile*. Apparti dan, il-Qorti semghet ukoll lix-xhieda msemmija aktar il-fuq jixhdu fuq l-atteggjament agressiv ta' l-imputat.

Ghaldaqstant l-imputat **ser jinsab hati tat-tielet (3) imputazzjoni** addebitata fil-konfront tieghu.

**Decide:**

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat Artikoli 214, 215, 216, u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeda tiddikajra li qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel (1), u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' **sitt (6) xhur prigunerija**, li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin**.

**Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex taghti garanzija fil-konfront tal-parte civile ai termini tal-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata stante is-sejba ta' htija fil-konfront tal-imputat, u ghalhekk** qeda torbot lill-hati Alessio Minelli b'garanzija personali ta' **elf u hames mitt Euro (€1,500) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lil parte civile Ryan Sacco.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat